Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 2516

Kaz Numru 3500

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Emmanuel Theima

U

Autp buses De Leon
(Trasport Malta) u il-Ministru
Ghat-Trasport u L-
infrastuttura
Dwar allegazzjoni ta' agir
abbusiv

Illum 26 ta' Marzu ~~April~~ 2018

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors mibghuta lit-Tribunal Industrijali datata 13 ta' Ottubru 2016 mill-Avukat Dr. Josette Sultana li bghatet dan ir-rikors ghan-nom ta' Emanuel Theuma fejn talab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali .

Emanuel Theuma maghruf bhala l-appellanta kien assistit mill-Avukat Dr. Josette Sultana u ghall-Kumpanija Auto Buses De Leon deher Dr. Paul Gonzi.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant ddikjara li kien jahdem bhala detail mal-kumpanija Arriva u wara li hadet over il-kumanija intimata tbiddel ix-xoghol tieghu ghal dak ta' Despatcher fejn sab li bidlulu il-hinijiet tax-

xoghol liema hinijet kienu ta' pregudizzju ghalih u liema hinijiet ma kinux miftehma mal-Union u waqaf jattendi ghax-xoghol.

Is-socjeta fl-istqarrija taghha qalet li t-talbiet huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan apperti diversi eccezzjonijiet preliminarji.

## Sottomissjonijet

l-kaz si tratta ta' decizzjoni fuq l-ewwel zewg eccezzjonijet preliminarjament huma

1.l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta intimata dwar il-kompetenza tat-Tribunal u
2. It-Talba ghall-korrezzjoni ai termini tal-ARtiklu 175 (!) tal-Kap 12

It-Tribunal josserva illi t-talba fir-rikors promotur tal-rikorremti kienet hekk; " Illi abbazi that l-artiklu 4 u 10 (3) tal-Legizzlazzjoni Sussidjarja 452.87 tar-Regolamenti Dwar l-Organizzazzjoni tal-Hin tax-Xoghol sabiex l-agir abbuziv li qieghed isir fil-konfront tieghu fuq il-post tax-xoghol jieqaf ".

Illi fl-ewwel lok it-Tribunal jinnota kontradizzjoni. It-talba tar-rikorrenti huwa li jieqaf l-agir abbuziv u qieghed ukoll jitlob li jerga janghat lura l-impjieg. Apparti l-fatt li mhiex cara jekk r-rikorrenti gie imkecci jew telaq l-impjieg minn rajgh jirrizulta car u manifest illi talba ghal tibdiel ta' agir abbuziv ma jinkwadrax ma tkecija ingusta. Jekk r-rikorrenti kien ghal grazzja tal-argument jghid li gie imkecci ma jistax jitlob wara t-tkeccija tieghu tibdil fic-crkostanza ta agir abbuzix ghax ix-xoghol tieghu ikun gi terminat. Se mai r-rikorrenti messu talab sabiex t-tkeccija kienet wahda ingusta u jitlob ir-rintegrazzjoni tax-xoghol tieghu.

It-Tribunal jikkonkludi illi jekk hemm xi agir abusiv da parte tal-principal dan ghandu jigi kkorregut waqt l-impjieg u mhux wara li jigi terminat l-impjieg.

Ghaldaqstant it-Tribnunal jikkonkludi li r-rikorrenti ma jistax jitlob ghal xi sanzjoni tal-agir abbuz kontra tieghu wara li l-impjieg ikun terminat.

Illi ghat-talba tal-korrezzjoni din hija xi haga intrinsikament ta' certa tibdil sostanzjali li jbiddel kompletament in-nautra tal-kawza u ghaohekk qieghed jichad din it-talba.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkonsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li dahal fit-talbiet tar-rikorrenti u ma jaqbilx ma dawn it-talbiet stante li din it-talba misset saret waqt ili r-rikorrenti kien ghadu impjegat u mhux wara t-terminazzjoni tieghu.

B'hekk fid-dawl ta' dawn ic-cirkustanzi it-Tribunal jiddeciedi li ma ghanhux kompetenza li jisma din it-talba u jilqa it-tieni eccezzjoni dwar il-korrezzjoni billi hija ta' certu porta ma jilqax it-tinei talba u jilqa l-eccezzjoni f'dan ir-riogward.

**Decizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara dan it-Tribunal ma ghandhux kompetenza li jisma dan il-kaz u ma jawtorizzax il-korrezzjoni.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedi billi jichad dan l-appell bl-ispejjes jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(iffirmat)
Dr. Martin Fenech
Chairman

VERA KOPJA

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju